Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,244, 31 ta' Mejju, 2002
Taqsima B

A.L. 127 ta' l-2002

ATT DWAR SERVIZZI TA' L-IVVJAĠĠAR U TAT-TURIŻMU GĦAL MALTA
(KAP. 409)

Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turiżmu

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 47 ta' l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, il-Ministru tat-Turiżmu, fuq ir-rakkomandazzjoni ta' l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turiżmu.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġ xort'oħra:-

"appellant" tfisser kull persuna li tagħmel appell lill-Bord;

"Att" tfisser l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta; Kap. 409

"Awtorità" tfisser l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta;

"Bord" tfisser il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turiżmu;

"regolamenti dwar id-drittijiet" tfisser dawk ir-regolamenti li jippreskrivu d-drittijiet li għandhom jitħallsu dwar appelli quddiem il-Bord ta' l- Appelli dwar it-Turiżmu, u li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien;

"Segretarju" tfisser il-persuna maħtura mill-Bord biex taqdi l-funzjonijiet amministrattivi tal-Bord kif provdut fl-artikolu 14(6) ta' l-Att.

Allokazzjoni ta' fondi.

3. (1) L-Awtorità għandha talloka lill-Bord dawk il-fondi li jistgħu jkunu meħtieġa mill-Bord għall-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, inklużi fondi għal appoġġ amministrattiv u tekniku.

(2) Is-Segretarju jkun responsabbli għat-tħejjija ta' estimi ta' dħul u ħruġ dwar kull sena finanzjarja u għandu, mhux iktar tard minn sitt xhur qabel it-tmiem ta' kull sena, jissottometti lill-Awtorità dawk l-estimi għas-sena finanzjarja li tkun tmiss.

(3) Is-Segretarju għandu jżomm kotba tal-kontijiet kif imiss u *records* oħra dwar il-funzjonijiet tal-Bord, kif ukoll jipprepara dikjarazzjonijiet tal-kontijiet dwar kull sena finanzjarja.

(4) Il-kontijiet tal-Bord ikunu verifikati minn awditur jew awdituri maħtura mill-istess Bord.

Funzjonijiet ta' Segretarju.

4. (1) Is-Segretarju jkun responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum tax-xogħol tal-Bord u għal dawk id-dmirijiet l-oħra mogħtija lilu minn żmien għal żmien mill-Bord.

(2) Is-Segretarju tal-Bord għandu jkollu, *mutatis mutandi* l-istess awtorità relattivament għall-Bord kif Reġistratur għandu dwar il-Qorti tal-Ġustizzja.

Kif jinġiebu provi.

5. L-appellant għandu, meta jippreżenta l-appell, u l-Awtorità għandha mill-anqas ġimgħa qabel is-smiegħ, jippreżentaw lill-Bord dikjarazzjoni komprensiva tal-fatti u l-provi kollha dokumentati dwar il-każ.

Smiegħ

6. Is-smiegħ tax-xhieda fl-appell għandu jkun jew *viva voce* jew b'affidavit. Id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li japplikaw għal kif jinġiebu l-provi quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili għandhom, *mutatis mutandis,* japplikaw dwar kif jinġiebu l-provi *viva voce* jew b'affidavit quddiem il-Bord.

Smiegħ ta' l-appell.

7. (1) Is-smiegħ ta' l-appell għandu jsir fl-iqsar żmien possibli u f' ebda każ iktar tard minn tletin jum minn meta jiġi ppreżentat dak l-appell.

(2) Il-Bord għandu jgħaddi biex jisma' u jiddeċiedi l-appell skond id-dikjarazzjonijiet tal-fatti u l-provi dokumentati ppreżentati miż-żewġ partijiet skond ir-regolamenti 5 u 6 ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Il-Bord għandu, sa fejn ikun prattikabbli, jiddeċiedi l-appell f'seduta waħda. Il-Bord m'għandux jagħti aġġornamenti ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali li l-Bord jista' jidhirlu li jkunu xierqa.

Nuqqas ta' dehra.

8. Jekk xi waħda mill-partijiet, notifikata kif imiss biex tidher għas-smiegħ, tonqos milli tidher mingħajr ebda raġuni xierqa u ġustifikata, l-Bord jista', wkoll fin-nuqqas ta' dik il-parti, jgħaddi biex jisma' l-appell.

Komunikazz-joni mal-Bord.

9. (1) Kull appell, komunikazzjoni jew dokument ieħor magħmulin jew indirizzati lill-Bord, għandhom ikunu ppreżentati lis-Segretarju tal-Bord.

(2) Kull avviż, komunikazzjoni jew dokument ieħor, u kull awtorizzazzjoni maħruġa mill-Bord, għandhom ikunu iffirmati mill-President tal-Bord jew mis-Segretarju.

Avviż u notifika ta' dokumenti.

10. Kull dokument mibgħut għan-notifika mill-Bord għandu jitqies li jkun ġie konsenjat u notifikat kif imiss jekk ikun ġie konsenjat fiżikament jew mibgħut bil-posta reġistrata lill-indirizzat fil-post tan-negozju tiegħu, fl-indirizz fejn soltu jirrisjedi jew fl-indirizz postali tiegħu.

Drittijiet għal appell.

11. (1) L-appellant għandu, mal-Preżentata ta' l-appell, iħallas id-dritt dovut skond l-ammont indikat fir-Regolamenti ta' l-2002 dwar id-Drittijiet (Turiżmu) li għandhom jitħallsu għall-Preżentata ta' Atti Ġudizzjarji fuq Appelli.

(2) Jekk il-Bord ma jkunx jista' jiddeċiedi l-appell fl-ewwel smigħ, u jsiru seduti oħra, l-appellant għandu, minkejja d-dritt tal-bidu kif meħtieġ fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, iħallas dritt addizzjonali għal kull seduta li ssir skond ma hemm fir-Regolamenti ta' l-2002 dwar id -Drittijiet (Turiżmu) li għandhom jitħallsu għall-Preżentata ta' Atti Ġudizzjarji fuq Appelli.

Deċiżjoni tal- Bord dwar id-drittijiet.

12. (1) Jekk il-Bord jiddeċiedi favur l-appellant, il-Bord għandu, fid-deċiżjoni tiegħu, jordna lill-Awtorità li tħallas lura d-drittijiet kollha mħallsa mill-appellant dwar l-appell taħt ir-Regolamenti ta' l-2002 dwar id-Drittijiet (Turiżmu).

(2) Il-Bord jista' jaqsam l-ispejjeż bejn il-partijiet, f'liema każ l-Awtorità għandha tkun ordnata tħallas lura dik il-parti mid-dritt hekk maqsuma, salv kull ordni preċedenti dwar dawk l-ispejjeż li seta' għamel il-Bord.

Appelli pendenti.

13. Il-Bord ikun kompetenti jisma' appelli li jkunu ġew ippreżentati wara l-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.